X'IĠĠUDIKAW IL-QRATI TA' DARI

Il-Banca Giuratale jew il-Palazz Municipali fl-Imdina, inbena fl-1726 mill-Arkitett Franċiż Charles François de Mondion, imqabbad mill-Gran Mastru Manoel de Vilhena, wara t-terremot qerried tal-1693. F'termini ta' arkitettura, fil-faċċata kellu juri biċ-ċar il-mentalità assolutista ta' barokk, imfittex mill-prinċipijiet ta' dak iż-żmien.

Il-binja oriġinarjament saret biex isservi ta' uffiċċji għall-amministrazzjoni ċivili tal-Gżejjer Maltin. Kienet magħrufa bħala l-Commune; l-Università, il-Parlament; il-Municipalità u l-Kunsill Popolari, fejn konna nsibu lill-Ħakem tal-gżira jew lill-Kaptan tal-Virġa u erba' ġurati. Skont ma nsibu fl-istorja, l-ewwel Kunsill f'Malta kien twaqqaf mill-Konti Ruġġieru fl-1365.

Illum iservi bħala arkivju għad-dokumenti tal-Qrati u diversi tribunali li jmorru lura għal meta ġie l-Ordni, l-ewwel dokument li wieħed isib, għandu d-data 1535. Jibqgħu sejrin sat-tmiem tal-perjodu tal-Ordni f'Malta, jiġifieri sal-1798, il-perjodu Galliku (żmien il-Franċiżi) li dam inqas minn sentejn u t-13-il sena ta' prettotorat Brittaniku meta Malta kienet taħt ir-Renju ta' Sqallija iżda taħt il-protezzjoni Brittanika sal-1813 meta Malta mbagħad waqgħet taħt il-kolonja tal-Imperu Brittaniku.

Ir-riformi amministrattivi li wettaq King Tom jew aħjar il-Gvernatur Thomas Maitland inkludew ukoll l-organizzazzjoni tal-Qrati u l-emenci tal-liġijiet. Is-sistema tal-Qrati ġiet ibbażata fuq dik Brittanika. Il-Prim'Awla laqgħet fiha l-każijiet ċivili li fiż-żmien l-Ordni kienu trattati fil-Magna Curia Castellania li kienet isservi għall-abbitanti tal-Belt u t-tlett ibliet u l-Corte Capitanale, il-qorti li tħares l-abbitanti tal-Imdina u l-irħula rurali. Daħħal is-Sekond'Awla filwaqt li l-Consolato del Mare, it-tribunal marritimu issa sar il-Qorti tal-Kummerċ.

Id-dokumenti li jinsabu fil-Banca Giuratale jaslu sal-1899; dawk ta' warajhom qegħdin fil-Qorti l-Belt Valletta. Din l-intervista għamiltha lil Noel D'Anastas, arkivista responsabbli mill-Banca Giuratale fl-Arkivju Nazzjonali.

MINN CHARLES B. SPITERI

Tpingijiet li nstabu fil-qoxra ta' wieħed mid-dokumenti tar-Reġistrum Patentarum tal-Magna Curia Castellania tal-1632.

Noel, eżattament xi qrati u tribunali nsibu fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann?

Qabel nidħlu ghall-perjodu tal-Ordni, tajjeb li naghtu harsa qasira lejn x'tip ta' qrati kien hawn qabel. Żgur li kien hawn tliet qrati, il-Qorti Capitanale, l-Ufficium Primarum Appellationum u l-Officium Secretiae. Dokumenti ta' dawn il-qrati m'hawn xejn fil-Banca. Fi żmien l-Ordni, il-Qorti Capitanale kienet qorti importanti ghall-Imdina u l-irhula rurali li kompliet ukoll bejn l-1800 u l-1813 f'dak iż-żmien ta' prettotorat. Kienet qorti ċivili u kriminali. Mal-miġja tal-Ordni, fil-Birgu kien hemm il-Magnia Curia Castellania, tribunal tal-ewwel istanza li jittratta każi ċivili u kriminali, qorti li kienet ta' importanza kbira. Jekk il-Qorti Capitanale kienet ghall-abitanti tal-Imdina u tal-irhula rurali, il-Magnia Curia Castellania kienet ghar-residenti tal-Belt, tat-tlett ibliet u tal-inhawi. Meta l-Kavallieri bnew il-Belt, il-Magnia Curia Castellania ġiet trasferita fil-Belt il-ġdida u matul is-snin kellha diversi lokazzjonijiet, bl-aħħar post ikun fejn illum hemm il-Ministeru tas-Saħħa. Fih hemm iċ-ċelel taht l-art kif hemm ukoll fil-Qorti Capitanale li kienet tinsab fil-Palazz Maġisterjali ta' Vilhena, int u diehel l-Imdina, fejn illum hemm il-Muzew tal-Istorja Naturali.

Kien hemm ukoll is-Suprema Curia Appellationum, qorti suprema tal-Appell kif ukoll is-Sacra Audentia, tribunal tal-appell li kien presedut mill-Gran Mastru, il-Kunsill, il-Giudice Capitanale u l-Kastellan. Ghal Ghawdex kien hemm il-Curia Gubernatorialis. Kien hemm ukoll l-Officio delle Case, imwaqqaf mal-bidu tal-Ordni f'Malta li jittratta tilwim fuq djar u hwienet, speċjalment fil-Belt il-Ġdida. Dawn huma biss ftit mit-tribunali u mill-qrati attivi.

L-arkitettura grandjuża tal-Barokk Franċiż li tinsab fuq il-bieb maġġuri tal-Banca Giuratale li kienet reġgħet inbniet wara t-terrimot tal-1693, xogħol l-arkitett Mondion.

Xi tribunali taż-żmien l-Ordni kienu marbuta mal-kummerċ u l-bahar?

Il-korso li tista' tghid baqa' sejjer sal-1813 hu evidenti sew fid-dokumenti tat-Tribunal tal-Armamenti li beda fil-bidu tas-Seklu XVII u ġie abolit meta ġew il-Franċiżi. Jittratta fih ukoll il-bejgħ tal-iskjavi. It-Tribunal tal-Armamenti kien jisma' l-kontroversji bejn il-privateers u l-kursari. Dawk ix-xwieni li kienu jtajru bandiera tal-Gran Mastru kienu jappellaw f'Malta u dawk li jtajru bandiera tal-Ordni setgħu jappellaw Ruma.

Il-Consolato del Mare, il-Konslu tal-Baħar li f'Malta twaqqaf fl-1697 kien ibbażat fuq dak ta' Messina, huwa tribunal interessanti ħafna li jittratta litigazzjonijiet marittimi u kummerċjali. Fid-dokument wieħed ha jsib inventarji ta' bastimenti, il-merkanzija li kien ikollhom u l-polza tat-tagħbija. Dawn huma żewġ arkivji li saru diversi studji fuqhom, sew minn skulari Maltin kif ukoll barranin fosthom il-Prof. Molly Greene mill-Università ta' Princeton u Prof. Maria Fusaro mill-Università ta' Exeter. Tiehu gost tara riċerkaturi li ħadmu bi profondità fuq din il-materja u ppubblikaw s-sejbien tagħhom, inkluż il-Prof. Carmelo Vassallo, Prof Victor Mallia-Milanes, Dr Frank Theuma, Dr Joan Abela, Liam Gauci, Sebastian Vella u Ġużeppi Muscat tar-Rabat, li kien fost tal-ewwel li ħadem u ppubblika studji dwar id-diversi bastimenti ta' żmien l-Ordni.

Qabel il-wasla tal-Ordni ma kien hawn xejn dokumentat?

Daġġur li kien hawn u ħafna minnhom huma preservati tajjeb, mhux biss f'Malta iżda wkoll f'arkivji barra, fosthom dak ta' Palermo. Filfatt din id-dokumentazzjoni ġiet mitbugħa f'Documentary Sources of Maltese History mill-Prof. Stanley Fiorini. Fl-Arkivju Notarili hemm minjiera ta' reġistri u atti notarili b'tant referenzi lejn il-ħajja soċjali tal-Maltin u wkoll b'referenza ghall-aspett legali u ġurisdizzjoni, dokumentazzjoni li tmur lura ghall-1467. Fl-Arkivju tal-Katidral fl-Imdina hemm dokumenti li jmorru lura fis-snin. Is-sena l-oħra ttellghet wirja biex tfakkar il-50 sena tal-ftuh ta' dan l-Arkivju, wirja mtellgħa wkoll bi ħsab mal-Fondazzjoni Valletta 2018 li fiha ġabret 800 sena ta' storja kif jiddokumentaw is-sorsi arkivistiċi f'dan l-Arkivju. Fil-Biblijoteka Nazzjonali fil-Belt, hemm parti mill-Arkivju tal-Ordni - id-dokumenti amministrativi ta' 700 sena storja li jmorru lura ghall-1107. Hemm ukoll l-Arkivju tal-Università, il-Gvern municipali ta' Malta u l-privileġġi moghtija li jmorru lura ghal nofs is-seklu 15. Ma jonqosx l-arkivju tal-Kurja li fih diversi serje li jiddokumentaw l-istorja djoċesana sa mill-1450. Min jaf x'hawn ukoll fil-privat, il-familji nobbli li kellhom il-privileġġi! Dawn ghandhom l-arkivji tal-familja li jmorru lura fis-snin.

Fid-dokumenti li ghandkom, x'nistghu nghidu li nsibu?

Mistoqsija kkumplikata biex twegibha fil-qosor. Fi kliem semplici, il-volumi li hawn huma marbuta ma' dak li nżammu fil-qrati – litigazzjoni, sentenzi, subbasti, depożiti, mandati eċċ... Hawn ghandna bosta volumi ta' importanza kbira ghall-istorja ta' pajjiżna. Fir-reġistri tal-habs tal-Capitanale u l-Magnia Curia Castellania, wieħed isib l-ismijiet tal-persuni li ntbaġħtu l-ħabs, l-età li kellhom, il-laqam, mil-liema raħal jew belt kienu u referenza ghall-każ, waqt li fil-faċċata l-oħra, hemm imniżżel meta kisbu l-helsien mill-ġdid. Fost il-ħabsin jidher isem Mikiel Anton Vassalli u l-ismijiet ta' dawk li wettqu r-Rewwixta tal-Qassisin tal-1775, Don Gaetano Mannarino u shabu.

L-inventarji jiddokumentaw il-proprjetà, il-mobbli u dak li kellhom in-nobbli, il-professjonisti u l-Maltin li b'xi mod kellhom inventarju ereditarju jew bonorum. Is-suppliki, it-talbiet li kienu qed jaghmlu biex jifthu hwienet; volumi shaħ bl-ismijiet tal-persuni u anke d-dettalji taghhom meta dawn kienu qed johorġu minn Malta – l-imbark tat-tluq sa mis-seklu 16. Insomma kull dokument hu importanti, hu awtentiku ghax ma jinstabx f'post ieħor, uniku, u kollox b'xi mod jiddokumenta ġrajjiet il-poplu, il-ħajja soċjali u ġrajjet Malta u lil hinn minna.

Ghandkom dokumenti li jmorru sal-bidu tal-Ordni f'Malta. Ghaddew is-snin u dawn ghadhom preservati tajjeb u aċċessibbli. Illum bit-teknoloġija x'se jibqa?

Dawn il-volumi ghaddew minn ħakma ghall-oħra, minn seklu ghall-ieħor u l-karta ghadha tajba. Huma preservati tajjeb. L-Arkivju Nazzjonali mmexxi mill-Arkivista Nazzjonali Dr Charles J. Farrugia li inti wkoll kont intervistajtu xi xhur ilu, ghandu laboratorju ghall-konservazzjoni, laboratorju kif jixraq u konservaturi professjonali. Hu mudell. Ghandna wkoll laboratorju ghad-diġitalizzazzjoni tal-volumi. Il-Hill Museum and Manuscript Library ta' Minessota (HMML) li fl-1973 kienu nedew il-proġett tal-microfilming fl-Arkivju tal-Katidral, iddiġitalizzaw is-serje tal-Atti Originali tal-Magnia Curia Castellania – aktar minn 1,400 volum, l-Epoka Gallica, u tribunali oħra ta' importanza. Qed nghidu miljuni ta' ritratti diġitali tal-folji tal-manuskriti. Barra d-diġitalizzazzjoni, tingħabar ukoll il-metadata – id-data tad-data Dawn jinsabu aċċessibbli fuq is-sit vhmml.

Fuq is-sit tal-Archives Portal Euope hemm parti mill-Atti Oriġinali tal-Consolato del Mare u hafna dokumenti ohra mill-Arkivju Nazzjonali f'Santu Spirtu. Interessanti hu l-proġett "Memorja" u wisq aktar interessanti se jkun is-sit li se jitnieda dalwaqt u dwaru se nisimgħu ħafna. "Memorja" hi l-memorja ta' dan in-Nazzjon.

Dawn b'xi mod qegħdin preservati, iżda ghandi l-biża' kemm id-dokumenti mahluqa b'mod elettroniku se jservu 500 sena u aktar. S'issa l-karta serviet. Jingħad li jekk il-microfilming iżżommu f'kundizzjoni ta' klima tajba -- u l-klima ta' Malta ma tawgurax tajjeb ghal dan kollu – iservu sa 500 sena. Li hu żgur hu li l-karta ta' dawn id-dokumenti u l-volumi s'issa servew ghal aktar minn daqshekk.

X'garanzija ghandna li d-dokumenti u ritratti diġitali se jservu 100 sena, 300 mitt sena u aktar? Min jaf kemm tlifna data, emails, ritratti diġitali ghax marritilna l-hard disk, il-pen drives eċċ... u ma kellniex back up tajba u l-migration taghhom minn żmien ghal żmien u l-mod fejn u kif tarkivjahom. Nahseb qegħdin fiż-żminijiet tad-dlam. Qed nghixu millum ghal-lum.

Allura dan il-bini ghal xiex serva aktar tul iż-żmien?

Hawn ghamel żmien bhala Qort tal-Maġistrat u jekk wieħed idur fil-pjazza tal-Imdina, jara dik li hi l-Casa dell'Magistrato, ghax il-Maġistrat kien ighix fl-istess binja. Fil-perjodu Franċiż, din il-binja laqgħet fiha d-deputati ghat-tmexxija tal-Kampanja ta' Malta bil-ħsieb li jqumu kontra l-Franċiżi. Dawn kienu qed jitolbu ghajnuna minn barra, minn Napli u mill-Ammirall Nelson. Fost dawn id-deputati kien hemm in-Nutar Emmanuele Vitale. Fil-fatt, fid-daħa ta' din il-binja hemm plakka li tikkommemora l-Assemblea Nazzjonali tal-4 ta' Settembru 1798.

Aktar 'l hawn fis-snin, il-binja bdiet isservi bhala skola elementari tal-Gvern u aktar tard bhala skola sekondarja; dik ta' Santa Tereża. Fl-1969 inkriet ghal ftit lis-Sorijiet tad-Dorotej. Imbagħad fl-1986, il-Banca Giuratale ġiet restawrata u ghaddiet ghand id-Dipartiment tal-Libreriji u l-Arkivji ta' Malta, biex tifforma parti mill-proġett li jorganizza u jiżviluppa l-Arkivji Nazzjonali. Taijeb nghidu wkoll li qabel ġew hawn, dawn il-volumi kienu fil-Palazz il-Belt, Casa Leone Santa Venera u l-Qorti l-Belt.

B'liema lingwa huma miktubin id-dokumenti li jinsabu hawn?

Id-dokumenti huma kollha miktuba bit-Taljan u bil-Latin. Id-daħla tkun bil-Latin imbagħad ikomplu bit-Taljan jew bl-Isqalli. Fil-perjodu Franċiż, il-korrispondenza kienet qed tinżamm bil-Franċiż. Interessanti li f'kull dokument kienu jiktbu l-kelmiet ta' Fraternità, Libertà u Ugwaljanza li kien daħħal Napuljun b'enfasi ghaċ-ċittadin.

Ghad hawn min jifhem bil-Latin, ladarba din hi meqjusa bhala lingwa mejta?

Fadal ftit wisq, iżda jekk wieħed ikun jifhem it-Taljan, kapaċi jaqra d-dokument, ghalkemm l-ghajnejn iridu jkunu draw il-paleografija, it-tip ta' kitba taż-żmien u l-aspett tad-diplomatika, il-mod kif ikun miktub. Ježisti kors qasir fl-Università ta' Malta, Latin for Historians, li jghin hafna biex wieħed jaqra dokument fl-Arkivji f'Malta. Hi ħasra li llum l-avukati, in-nutara u wkoll l-istudenti tal-istorja, ma jafux Latin u hafna minnhom ma jafux lanqas it-Taljan. Ahseb u ara kemm se jkunu kapaċi jaqraw dokument u jirriċerkaw, meta l-maġġoranza tad-dokumenti li ghandna huma bit-Taljan.

Allura dokumenti bl-Ingliż ma hawnx meta tqis li l-Ingliżi riedu "English and English only"?

Hawn fil-Banca ghandna ftit ħafna li huma bl-Ingliż. Dawn huma tal-Court of Special Commission li stabbilixxiet forma mmodifikata tal-forma Ingliża tat-Trial by Jury, li kienet twaqqfet fl-1829. Ghanda wkoll tas-Supreme Council of Justice li kienu bilingwali – bl-Ingliż u bit-Taljan. Tista' tghid li fil-qrati, l-Ingliż ma daħalx. Il-professjonisti, fosthom dawk legali, il-Knisja u n-nobbli kienu jitkellmu bit-Taljan. Fil-qrati, il-qalba saret mit-Taljan ghall-Malti. Ghadek tisma' avukati anzjani li jitkellmu hafna bit-Taljan u wkoll il-lingwaġġ legali hu Taljanizzat.

Jiġifieri minkejja li l-Inġliżi ghamlu s-snin fostna, ma nsibux wisq dokumentazzjoni bl-Ingliż?

Ovvjament li fl-Arkivju Nazzjonali f'Santu Spirtu hemm id-dokumenti bl-Ingliż, ghax l-istituzzjonijiet u d-dipartimenti governattivi kienu jikkorrispondu u jinżamm kollox bl-Ingliż.

Min jiġi jaghmel riċerka fil-Banca?

Huma żewġ tipi ta' riċerkaturi – il-persuni li qed ifittxu xi każ biex dan ikun ipprezentat fil-qorti, eżempju sentenzi, proċess jew xi pjanta. Dawn il-persuni ġeneralment ikunu avukati jew l-istess klijenti taghhom, biex dawn tal-aħħar inaqqsu mill-ispiża tal-kont legali, iżda l-ironija hi li lanqas ikollhom idea ta' riċerka u lanqas tas-sistemi – uhud minhom lanqas ġieli ma jkunu jafu l-ismijiet tal-partijiet jew jekk il-każ ġiex appellat. Hemm imbagħad it-tip l-ieħor ta' riċerkaturi – dawk skulari jew studenti li qed jirriċerkaw u jistudjaw ghat-teżi tagħhom jew pubblikazzjoni.



Is-sentenza tal-mewt ta' Vincenzo Grech min-Naxxar li nstab ħati ta' żewġ omicidji separati mill-Qorti tal-Kummissjoni Speċjali nhar id-29 ta' Diċembru 1838.

Faċili biex l-informazzjoni tad-dokumenti tal-qrati jkunu aċċessibbli?

L-ewwel ħaġa, l-arkivju fil-Banca Giuratale ghandu hinijiet tajba ghar-riċerkaturi bl-istess hinijiet tal-Arkivju Nazzjonali. Nhar ta' Tnejn, il-Banca tkun miftuha ghar-riċerka sas-7.30 p.m., anke fis-sajf. Wieħed jista' jikteb ukoll lil customercare.archives@gov.mt.

Iżda jiġu hafna jfittxu u jippretendu li se jsibu dak li jridu fi ftit minuti. Ir-riċerka tieħu l-ħin u ż-żmien. L-indiċijiet li ghandna, li ġew ikkompilati meta nholoq il-volum jew wara (jiġifieri meta ġew kompilati fis-snin 60 tas-seklu 19), l-indiċi saru b'mod kronoloġiku u bl-okkju – jiġifieri bl-ismijiet tal-persuni involuti fil-każ. M'intix se ssib b'mod suġġettiv.